MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta ta' l-20 ta' Marzu, 2012

Numru. 303/2012

**IL-PULIZIJA**
**SPETETUR CARLOS CORDINA**
**SPETTUR GODWIN SCERRI**

**KONTRA**

**OPRISAN MARINA MARIOARA ta' 19-il sena, bint Matei u Rodica nee' Badea, imwielda Marcin nhar l-1 ta' Gunju, 1992, residenti fil-fond numru 4, Triq il-Hawt, Swieqi, detentrici tal-karta ta' l-identita' numru 62142A;**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra 'l hawn fuq imsemmija **Oprisan Marina Marioara** li giet akkuzata talli:

1. Fi granet bejn is-17 ta’ Marzu, 2012 u d-data tad-19 ta’ Marzu, 2012, gewwa Paceville, u/jew f’diversi bnadi f’Malta, xjentement laqghet ghandha jew xtrat hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq jew akkwistati b’reat, sew jekk dan sar f’Malta jew barra minn Malta jew xjentement b’kull mod li jkun indahlet biex tbieghhom jew tmexxiehom, Art 334 Kap 9.

Rat l-ammissjoni bikrija ta’ l-imputata fl-istadju tal-prezentata, u dan wara li nghatat zmien xieraq mill-Qorti sabiex terga’ tahseb dwar l-istess.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjonijiet.

Ikkunsidrat:

Illi fuq ammissjoni, wara li rat l-Artikolu 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, din il-Qorti qieghda ssib lill-imsemmija mputata hatja ta’ l-akkuzi kif dedotti fil-konfront taghha, u tikkundannaha ghal sena(1) habs sospiza ghal sentejn(2), u dan wara li rat l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------